**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 233/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gennaro Todiscu**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Gennaro Todiscu, detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AY9825382 akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

> Fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġewwa Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer talli:
>
> 1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
>
> 2. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġewwa Triq Sir Adrian Dingli, ta' Sliema u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

3. Irrenda ruħu kompliċi ta' serq ta' arloġġ, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-mezz, liema serq sar għad-dannu ta' Malcolm Soler u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat ukoll talli waqt ix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġewwa l-Gżejjer Maltin:

4. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja għaqda bil-ħsieb li twettaq reati kriminali; jew waqt li kien taf jew kellu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda;

5. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi, għamel parti għal-għaqda msemmija fis-subinċiz (1) tal-Artikolu 83A tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 9 talLiġijiet ta' Malta.

F'każ ta' kundanna, din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba tqis lil Gennaro Todisco bħala reċidiv skont l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija kontrih, liema sentenzi saru finali u ma jistgħux jiġu appellati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Diċembru 2024 li permezz tagħha filwaqt li lliberat lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 23, 31, 42(ċ)(d)(e), 83A(1)(b), 83A(2), 183, 184, 261(b)(c), 263(b), 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Gennaro Todisco ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu għal-piena ta' seba' (7) snin priġunerija, minn liema terminu għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellant Gennaro Todiscu, ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2024, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dan billi:

1. Tikkonfermaha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel(1), tat-tieni (2) u tat-tielet(3) imputazzjoni; u

2. Tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet u minflok tilliberah minnhom, jew;
3. B'mod sussidjarju u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ntavolata nhar il-11 ta' Frar 2025.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravji mqanqla mill-appellant Gennaro Todiscu huma limitati għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn huwa kien misjub ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, billi għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet huwa rreġistra ammissjoni għalihom fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2024 quddiem l-Ewwel Qorti, filwaqt li ma jidhirx li ħassu aggravat mis-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru kien mixli fit-tielet imputazzjoni. Illi l-aggravji essenzjalment huma tnejn u ċioe' illi fl-ewwel lok l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat tal-parteċipazzjoni f'għaqda kirminali ma kenux jemerġu mill-provi kkumpilati, u subordinatament illi l-piena erogata fil-konfront tal-appellant kienet waħda esaġerata.

Illi l-ilment ewlieni allura jikkonċerna s-sejbien ta' ħtija għar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant meta huwa kien mixli li ippromwova, organiżża jew iffinanzja organiżazzjoni kriminali u/jew li ipparteċipa b'mod attiv fl-istess u wkoll li għamel parti minn organiżazzjoni kriminali, liema reati huwa imfassla fl-artikolu 83A(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali.

Issa l-Ewwel Qorti tagħmel espożizzjoni ineċċepibbli ta' dritt fir-rigward ta' dan ir-reat. Tagħmel referenza ukoll għal qafas leġislattiv ewropew li fuqu huwa imsejjes

dan ir-reat li jiddifferenzja ruħu minn dik tal-konġura kriminali, reat imfassal fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali. Jiddiferenzja ruħu fis-sens illi fejn f'dan l-aħħar reat huwa suffiċjenti li jkun hemm ippruvat il-ħsieb komuni bejn wiehed jew iktar li jagħmlu ftehim bil-għan li ikun kommess reat, minn naħa l-oħra sabiex jissussisti r-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 83A, irid jkun hemm fuq saqajha għaqda kriminali mwaqqfa bejn tnejn jew aktar li l-għan tal-għaqda jkun li jiġu kommessi pluralita' ta' reati, dak ir-reat li fid-dritt taljan jissejjaħ *associazione per delinquere* kontrapposta għal dak tal-*compartecipazione criminosa*. Jiddifferenzja ruħu ukoll fil-piena ikkontemplata għal dawn iż-żewġ reati fejn filwaqt li għal dak tal-konġura kriminali il-piena li jeħel il-malvivent huwa dik l-istess piena għar-reat li għalih tkun ġiet iffurmata dik il-konġura, kuntrarjament għar-reat imfassal fl-artikolu 83A fejn il-piena hija waħda maħluqa speċifikatament sabiex tissanzjona dan l-att materjali u ċioe' tat-twaqqif jew parteċipazzjoni f'għaqda kriminali. Fil-każ ta' dan ir-reat allura irid ikun hemm struttura fuq saqajha organizzata bil-għan li jitwettqu delitti, reat allura li għandu element ta' permanenza. Fil-fatt fid-dritt Taljan dan l-element joħroġ iktar ċar meta hemm dispost fl-artikolu 416 *Codice Penale*:

> ***Quando tre o più persone si associano allo scopo <u>di commettere più delitti</u> coloro che promuovono o costituiscono od organizzano l'associazione sono puniti, per ciò solo, con la reclusione da tre a sette anni.***

Tant hu hekk illi jikkonfigura r-reat ukoll għal fatt waħdu illi persuna tkun tifforma parti minn tali għaqda anke jekk ebda azzjoni ulterjuri ma ttieħdet minnha sabiex tipparteċipa jew tassisti din l-għaqda fit-twettiq tad-delitti konġurati.

Illi anke id-diċitura adoperata mil-leġislatur fl-artikolu 83A jitkellem dwar il-ħsieb li jitwettqu "reati kriminali", u il-parteċipazzjoni b'mod attiv f'"attivitajiet kriminali" tal-għaqda, li allura neċessarjament ifisser illi jrid ikun hemm struttura fuq saqajha b'mod permanenti u mhux istantanja li għandha bħala l-għan tagħha it-twettiq ta' pluralita' ta' reat kriminali. L-iskop li għalih tkun twaqqfet l-organiżazzjoni allura ma huwiex limitat għal ftehim biex jkun kommess reat singolari, iżda l-għan aħħari jrid ikopri il-kummissjoni ta' reati kriminali u ċioe' pluralita' tal-istess (per eżempju traffikar ta' droga, traffiku ta' persuni illegalment, serq, ħasil ta' flus eċċ.), reat fil-fatt

li kien imwaqqaf sabiex jiġġieled ir-reati transkonfinali mwettqa minn organiżazzjonijiet kriminali, li kull ma jmur qed jiżdiedu.

Illi fil-fatt l-appellant kien mixli mhux biss bir-reat tal-parteċipazzjoni f'għaqda kriminali u allura fit-termini ta'l-artikolu 83A(1), iżda ukoll kien mixli bir-reat imfassal fis-sub-inċiż (2) u ċioe' illi ifforma parti minn tali għaqda *ut sic*, bl-Ewwel Qorti, iżda issib il-ħtija għaż-żewġ reati. Illi skont id-duttrina u l-ġurisprudenza, għalhekk sabiex tkun hemm ir-reita' għandu jkun aċċertat qabel xejn l-eżistenza ta' struttura organizzattiva li kapaċi tilħaq l-għanijiet kriminali li għaliha ġiet imwaqqfa.

Issa l-Ewwel Qorti sabet illi s-sekwenza tal-fatti kif seħħew u ċioe' bil-mod kif l-appellant flimkien ma' tlett sħabu, Daniele Landolfi, Francesco Tanzi, u Luigi Capuano, wasslu Malta, b'dawn in-nies ikunu ġja muniti b'dokumenti foloz magħmula fuq isem Todiscu bil-għan li jkun jista' jinkera il-mezz ta' transport, u ċioe' l-*iscooters*, li kellhom ikunu utilizzati sabiex jitwettaq ir-reat, kif ukoll il-fatt illi waqt li kienu fuq l-arjuplan u mal-wasla fl-ajruport huma żammew id-distanza minn xulxin, kien filf-ehma tagħha, indikattiv li kien hemm għaqda kriminali fuq saqajha.  Illi anke l-aġilita' li biha huma organiżżaw lilhom infushom f'temp ta' ftit sigħat, bl-appellant jieħu l-isbriga jikri appartament fuq ismu għalihom l-erbgħa u wara jikri mutur fuq ismu bid-dokument falz, kollox fil-ftit tal-ħin wara il-wasla ta' dawn l-erba' persuni f'Malta, għall-Ewwel Qorti kien ifisser illi l-appellant kellu rwol organiżżattiv tal-loġistika fir-rigward tal-*modus operandi* ta' dan il-grupp ta' kriminali imwaqqaf bl-intiża li jikkometti serq ta' arloġġi lużżuzi.

Illi d-Difiża tikkontendi illi dawn il-fatti waħedhom ma humiex indikattivi tal-eżistenza ta' xi organiżazzjoni kriminali fit-termini ta'l-artikolu 83A, u dan in vista tal-fatt illi fl-atti ma hemm ebda prova li dan il-grupp kien ikkometta xi reati simili jew inkella mixli li ikkometta iktar minn reat wieħed. Mhux biss iżda, tikkontendi id-Difiża, illi lanqas hemm prova fl-atti illi bejn dawn l-erba' taljani kien hemm xi animu li jissieħbu flimkien, jorganiżżaw lilhom infushom u jwaqqfu xi struttura sabiex jipparteċipaw fil-kummissjoni ta' serje ta' delitti. Mhuwiex biżżejjed għal Prosekuzzjoni li tipprova illi dawn in-nies  issieħbu bil-għan li jikkomettu delitt, iżda

irid ikun hemm il-prova ta' l-eżistenza ta' din l-għaqda kriminali, ta' din l-istruttura jew organizzazzjoni imwaqqfa għal dan il-għan, li fil-fehma tad-Difiża, fl-atti ma hemmx.

Illi huwa minnu, kif tikkontendi d-Difiża, illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jikkonċernaw reat wieħed u uniku. Jindikaw illi seta' kien hemm fuq saqajh ftehim bejn erba' minn nies bil-għan li jitwettaq delitt. Illi huwa minnu li dawn in-nies ftiehmu u fasslu pjan dwar kif kellhom jimxu, madanakollu ma hemm ebda prova illi dawn l-erba taljani kienu jiffurmaw parti minn xi organizazzjoni kriminali li kellha bħala l-għan tagħha il-kummissjoni ta' diversi serqiet. Ma hemm edba prova fl-atti, lanqas waħda cirkostanzjali, li kien hemm fuq saqajha għaqda jew organiżazzjoni kriminali, u għalkemm il-Qorti tista' forsi tasal biex ikollha suspett illi dan kien il-każ, madanakollu fl-atti ma hemmx provi li jindikaw li dawn l-erba' taljani, inkluż l-appellant, kienu jiffurmaw parti minn din l-istruttura kriminali. U għalkemm l-appellant seta' kien konsapevoli, meta gie mistieden minn shabu biex jiġi Malta, illi l-għan wara din l-istedina kienet li jikkomettu xi delitt, madanakollu ma hemmx prova illi l-appellant kien jaf illi huwa kien qiegħed jifforma parti minn xi organiżazzjoni kriminali, jew li huwa issieħeb b'mod volontarju f'din l-għaqda li l-għan tagħha kien it-twettiq ta' attivitajiet kriminali.

Il-fatt illi l-appellant wasal fuq l-ajruplan flimkien mal-kompliċi tiegħu, il-fatt illi ingħata dokument falz biex imur jikri *scooter* u ukoll ħa l-izbriga li jmur jikri appartament fejn hu u sħabu kellhom jirrisjedu, ma jindikax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, illi kien hemm xi organiżazzjoni kriminali fuq saqajha. Għalkemm huwa minnu illi *modus operandi* kif twettaq id-delitt tas-serq tal-arloġġ f'Malta seta' kien indikattiv ta' xi pjan pre-ordinat, madanakollu fl-agħar ipoteżi seta' jikkonfigura r-reat imfassal taħt l-artikolu 48A, iżda mhux dak taħt l-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fil-fatt ta'l-istess ħsieb kienet il-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri penali istitwiti kontra Landolfi u Tanzi, u ċioe' illi l-provi kienu mankanti dwar l-eżistenza ta' din l-assoċjazzjoni kriminuża, jew struttura kriminali li kienet twettaq dawn it-tip ta'

serqiet, u dan għaliex provi fl-atti hemm biss dwar il-kummissjoni ta' delitt wieħed, u il-pjan imfassal biex jiġi kommess dak id-delitt bil-parteċipazzjoni u l-assistenza ta'l-appellant, iżda mhux l-involviment f'din l-istruttura imwaqqfa biex jiġu kommessi pluralita' ta' delitti. Illi ġustament allura argumentat id-Difiża, illi fuq dawn il-fatti ikkumpilati, u ċioe' l-wasla tat-taljani flimkien ġewwa Malta fuq l-istess titjira, l-akkomodazzjoni flimkien f'residenza waħda, u l-ftehim li jinkera *scooter* bl-użu ta' dokument falz, kien hemm diġa' pronunzjament ġudizzjarju illi għadda in ġudikat illi stabilixxa illi dawn l-elementi ma jwasslux għar-reat imfassal fl-artikolu 83A.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tqis illi ma kienx hemm biżżejjed provi in atti sabiex tinstab il-ħtija ukoll għar-reati imfassla fl-artikolu 83A, la taħt is-sub-inċiż (1) u wisq anqas is-sub-inċiż (2), u dan meta provi dwar l-eżistenza ta' xi għaqda jew organiżazzjoni kriminali imwaqqfa bil-għan li jitwettqu attivitajiet kriminali huma mankanti. Kwindi l-Qorti ser tgħaddi biex tillibera lill-appellant mir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjoni konsegwentement ser ikun hemm temperament fil-piena sabiex jirrifletti il-liberatorja ta'l-appellant għal dawn l-imputazzjonijiet. L-appellant, iżda jargumenta ukoll illi l-kompliċi tiegħu fil-kummissjoni tad-delitt weħlu piena ferm iktar miti minn dik li huwa kien ikkundannat għaliha u kwindi għandu jkun hemm uniformita' fis-sentenzi sabiex hu ma jsofri ebda preġudizzju.

**I**ssa, fejn si tratta ta' disparita` fil-piena mogħtija, il-Qrati Ingliżi kellhom okkażjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-ġurisprudenza wieħed jista' jislet certi linji ta' gwida. F'*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

> ***"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of***

*Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.*

*"Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (Dickinson [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in Nooy (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:*

*"'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'"*

Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice,* 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

*"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration*

> ***of justice?' (per Lawton L.J. in R. v. Fawcett, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see R.v. Stroud, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as R. v. Wood, 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., Fawcett, ante, and Broadbridge, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied."***

Naturalment jekk ir-reita` ta l-appellant u tal-kompliċi tiegħu kienet l-istess, din il-Qorti tista' tapprezza li l-appellant ħass *"a sense of grievance"* bid-disparita` fil-pieni. Għalhekk din il-Qorti trid teżamina jekk il-piena mogħtija lill-appellant kinitx waħda severa wisq fiċ-ċirkostanzi. Dak li ċertament mhuwiex aċċettabbli għal din il-Qorti hu li biex tirriduċi sentenza waħda toħloq sitwazzjoni fejn ikun hemm *"two, rather than one, over-lenient penalties"*.

Illi b'sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, l-Qorti tal-Maġistrati, filwaqt li illiberat lil Tanzi mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, sabet lil Landolfi ħati unikament tar-reat tas-serq aggravat bil-mezz u l-valur u ikkundannatu għal perijodu ta' sentejn priġunerija, liema terminu ta' priġunerija ġie sospiż bis-saħħa ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali għal perijodu ta' erba' snin. Issa l-appellant kien misjub ħati ukoll, apparti ir-reat tas-serq aggravat similment għal Landolfi, bir-reat tal-falsifikazzjoni u tal-użu ta' dokumenti foloz, għal liema żewġ reati huwa irreġistra ammissjoni. Illi l-piena ikkontemplata għal dawn ir-reati hija dik minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Illi allura l-appellant għalkemm ser jiġi illiberat mir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, madanakollu ma jistax lanqas jeħel l-istess piena li weħel il-kompliċi tiegħu billi huwa ħati ta' reati oħra li għalihom hemm maħsuba ukoll piena restrittiva tal-liberta'.

Illi l-piena li jġorr ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali hija dik tal-priġunerija bejn erbgħa u disgħa snin. L-appellant kien ikkundannat għal perijodu ta'

seba' snin priġunerija mill-Ewwel Qorti fejn allura fil-komputazzjoni magħmula minnha ittieħed in konsiderazzjoni il-piena ferm għolja għal kummissjoni ta' dan ir-reat.

Illi allura meta jsir it-tnaqqis tal-piena ravviżata għal dan id-delitt li minnu l-appellant ser ikun illiberat, u allura applikata l-istess piena ta' sentejn priġunerija li weħel il-kompliċi tiegħu għar-reat tas-serq, u magħdud magħha l-piena ikkontemplata għar-reat tal-falsifikazzjoni, bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti, wara li ħadet kont tal-fatt illi l-appellant irreġistra ammissjoni għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet, tqis illi l-piena ta' tlett snin priġunerija tagħmel ġustizzja kemm mal-appellant kif ukoll mas-soċjeta in ġenerali għar-reati minnu kommessi.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-aggravji tal-appellant, tgħaddi għaklhekk biex tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha fejn huwa kien misjub ħati ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet, tgħaddi biex tirrevokaha fejn l-appellant kien misjub ħati ukoll tar-raba' u l-ħames imputazzjoni, u tgħaddi biex tilliberah minnhom. Tvarja il-piena nflitta u minflok dik ta' seba' snin priġunerija, tikkundannah għal perijodu ta' tlett snin priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

Edwina Grima

Imħallef